*is-subinċiżi (a) u (b) tal-artikolu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jipprovdu li għall-finijiet tal-kalkolu tat-test tal-mezzi għandha tittieħed konsiderazzjoni tal-*'valur ta' kull proprjetà ... li tkun tal-membri kollha tal-familja ... li hija jew li tista' tkun investita jew użata bi qligħ ...' *– l-artikolu 1320(a) sa (f) tal-Kap. 16 – Il-fatt li mart il-benefiċjarju wirtet sehem indiviż minn proprjetà, u għal xi żmien kienet f'komunjoni mal-eredi l-oħra ta' missierha fir-rigward ta' dak is-sehem indiviż tagħha, ifisser li din il-proprjetà qabel ma inbiegħet, ma setgħetx titqies li kienet tappartjeni lill-membri kollha tal-familja tal-benefiċjarju*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 16/2022 LM

**Carmel Farrugia (K.I. nru. 138563M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru

tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’] fit-18 ta’ Ottubru, 2022, li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li jilqa’ parzjalment l-appell interpost mir-rikorrent **Carmel Farrugia (K.I. nru. 138563M)**, u ordna lid-Direttur Ġenerali intimat sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta’ Frar, 2020, u minflok jinforma lir-rikorrent li l-ħlas li għandu jrodd lura huwa dak għall-perijodu bejn is-6 ta’ Frar, 2019 u t-12 t’April, 2019.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta’ ittra datata tat-8 ta’ Frar, 2020 mibgħuta mid-Direttur Ġenerali intimat, ir-rikorrent ġie mgħarraf li huwa kien tħallas żejjed l-ammont ta’ €6,572.72 f’Għajnuna għall-Mard, għaliex lid-Dipartiment irriżultalu li huwa kellu kapital li jeċċedi l-limitu stabbilit mill-Kap. 318, jiġifieri €23,000. Jirriżulta li r-rikorrent kien jirċievi l-benefiċċju tal-Għajnuna għall-Mard. Fl-1 t’Awwissu, 2016, miet missier il-mara tar-rikorrent, u mart ir-rikorrent wirtet kwint indiviż minn proprjetà immobbli li kellu missierha, senjatament kwint indiviż tal-proprjetà 53, Triq San Enriku, Sliema u kwint indiviż mill-garaxx numru 52, fl-istess triq.

3. Ir-rikorrent wieġeb li l-proprjetà immobbli li wirtet martu wara li ġie nieqes missierha, ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ma kienx jifforma parti mill-kapital tiegħu. Qal ukoll li kien biss wara li din il-proprjetà immobbli nbiegħet, li r-rikavat mill-bejgħ beda jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk it-talba tad-Direttur Ġenerali intimat għal

rifużjoni tal-benefiċċju imħallas lilu għandha tibda tapplika b'effett mid-data tal-bejgħ is-6 ta' Lulju, 2019, u mhux qabel.

## Id-Deċizjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2022, l-Arbtiru ddeċieda li l-ħlas li għandu jrodd lura r-rikorrent għandu jkun dak li rċieva fil-perijodu bejn is-6 ta' Frar, 2019 u t-12 ta' April, 2019, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi fit-8 ta' Frar, 2020, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali informa lill-appellanti li huwa tħallas żejjed is-somma ta' €6,572.72 f'Għajnuna tal-Mard għall-perijodu mis-06/08/2016 sa 12/04/2019 minħabba li l-kapital jeċċedi;*
>
> *Illi permezz ta' appell intavolat mill-appellanti datat 27 ta' Frar, 2020, l-appellanti esprima kif fis-6 ta' Frar, 2019, inbiegħet proprjetà li fiha martu kellha sehem ta' kwint indiviż ta' dar u garage bin-numri 53 u 52 Triq San Enriku, Sliema. Illi sakemm dawn il-proprjetajiet inbiegħu fis-6 ta' Frar, 2019, l-appellanti ma kellux aċċess għal flus li rċeviet martu mill-kuntratt, apparti l-ispejjeż l-oħra li kellu jagħmel għal ħlas ta' taxxi u penali mal-Awtorità tad-Djar. Illi l-appellanti aċċetta li mal-bejgħ tal-proprjetà huwa kellu jieqaf jirċievi l-benefiċċju tal-mard, kif ukoll irodd lura dak kollu li rċieva mis-6 ta' Frar, 2019 'il quddiem, iżda mhux li jrodd lura s-somma li rċieva sas-6 ta' Frar, 2019;*
>
> *Illi permezz tal-ittra datata 1 t'Awwissu, 2020, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta r-risposta tiegħu għall-appell tal-appellanti u għamel referenza għall-investigazzjoni tad-Dipartiment li minnha rriżulta li l-kapital tal-appellant u l-mara tiegħu eċċeda l-iskala stabbilita u dan għaliex mart l-appellanti wirtet sehem ta' (1/5) mill-proprjetà 53, Triq San Enriku, u garaxx f'52, Triq San Enriku, meta ġie nieqes missierha fl-1 t'Awwissu, 2016. Minħabba f'hekk, id-Direttur Ġenerali ma kienx sodisfatt li l-kapital tal-appellant ma jeċċedix it-€23,000 skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi waqt is-seduta datata 27 t'Ottubru, 2020, l-appellanti xehed li l-wirt tal-mara tiegħu mingħand missierha ma kienx jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u allura ma kienx jifforma parti mill-kapital tal-konjugi Farrugia. Illi huwa biss mill-mument li tali wirt ġie mibjugħ li r-rikavat ottenut mit-tali bejgħ kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement parti mill-beni tal-konjugi Farrugia. L-appellanti xehed ukoll li għalhekk id-Dipartiment huwa żbaljat li hemm ammont dovut mis-6 t'Awwissu, 2016, u li l-unika ammont dovut huwa mid-data tal-bejgħ, u ċioe mis-6 ta' Frar, 2019;*

*Illi waqt is-seduta datata 12 ta' Jannar, 2021, l-avukat Dr A Farrugia ingħata żmien ta' xahar sabiex jippreżenta nota spjegattiva dwar il-wirt li rċieva l-appellant, liema nota kellha tiġi notifikata lid-dipartiment li kellu jikkalkula l-ammont imħallas favur l-appellant mid-data li huwa sar l-uniku proprjetarju tal-garaxx 55, Triq San Enriku, Sliema, kif ukoll l-ammont li ġie mħallas lill-konjugi Farrugia mis-6 ta' Far, 2019 sat-8 ta' Frar, 2020;*

*Illi permezz tal-ittra datata 23 ta' Novembru, 2021, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel referenza għall-verbal tat-12 ta' Jannar u ppreżenta nota risponsiva fejn ħa konjizzjoni tal-kontenut tal-verbal u d-dokument ippreżentat, iżda esprima wkoll li dan ma jbiddel xejn mir-risposta mogħtija mid-Direttur Ġenerali datata 8 ta' Frar, 2020;*

*Illi waqt is-seduta datata 25 ta' Jannar, 2022, id-dipartiment ippreżenta kopja ta' sentenza fl-ismijiet 'Gerald Micallef v Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali' mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 2020 mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). F'din is-sentenza l-Onorabbli Qorti ħassret u annullat id-deċiżjoni appellata u kkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali. Illi fl-istess sentenza, l-Onorabbli Qorti stqarret ukoll li l-ammont tal-assi parafernali tal-mara tal-appellant m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkoli tal-mezzi tal-familja, u huma biss il-frott ta' dawk l-assi parafernali li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Illi fl-istess sentenza, il-Qorti ddeċidiet illi sabiex familja jkollha għajnuna, għandu jintuża l-kapital/dħul ta' xi ħadd minnhom wara li jintuża l-kapital / dħul tal-komunjoni tal-akkwisti u meħud in konsiderazzjoni d-dħul ta' mart l-appellat mill-bejgħ tal-proprjetà kien ċar illi l-appellat ma kienx eliġibbli għall-benefiċċju;*

*Illi permezz tal-ittra datata 18 ta' Frar, 2022, id-Dipartiment għamel referenza għas-seduta datata 25 ta' Jannar, 2022 u għamel referenza għall-artikoli rilevanti tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe Artikoli 20(1) u Taqsima II tat-Tieni Skeda, fejn fihom*

*hemm elenkati l-konsiderazzjonijiet għall-kalkoli tal-mezzi għall-Għajnuna għall-Mard, u reġa' kkonferma l-pożizzjoni tiegħu skont l-ittra oriġinali;*

*Illi għalhekk l-Arbitru ħa janalizza dan l-appell mill-perspettiva li d-Dipartiment ħa d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-fatt li l-appellant tħallas żejjed is-somma ta' €6,572.72 fl-Għajnuna għal Mard għaliex kellu kapital li jeċċedi;*

*Illi l-Arbitru wara li sema' l-partijiet u ra d-dokumenti esebiti f'dan il-proċess, jagħmel referenza għad-dikjarazzjoni tan-Nutar Nicolette Vella fejn fid-dikjarazzjoni jidher ċar illi missier il-mara tal-appellant miet fl-1 t'Awwissu, 2016 u l-att* causa mortis *tiegħu ġie ppubblikat fid-9 ta' Jannar, 2017. Illi l-istess dikjarazzjoni turi li l-proprjetà ġiet mibjugħa fis-6 ta' Frar, 2019, u dan meta nstab xerrej;*

*Illi sakemm il-mara tal-appellant biegħet sehemha fil-proprjetà in kwistjoni, il-patrimonju tal-appellant ma kienx affettwat u dan ġie affettwat biss mid-data tal-bejgħ tal-proprjetà parafernali ta' martu, u ċioe, mis-6 ta' Frar, 2019;*

*Illi l-Artikolu 1(a) tat-Tieni Taqsima fit-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid illi* "Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 20 għandu jitqies ... il-valur ta' kull proprjetà ... li tkun tal-membri kollha tal-familja ...". *Għalhekk, dan l-artikolu juri biċ-ċar illi sakemm il-proprjetà parafernali ma kinitx parti mill-patrimonju tal-appellant, u ċioe sas-6 ta' Frar, 2019, din ma kellhiex tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-Għajnuna tal-Mard;*

*Illi l-istess Artikolu surreferit ikompli billi jgħid li meta* "l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana" *jaqbeż it-€23,000 fil-każ ta' familja,* "il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna tal-Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna". *Illi għalhekk, dan l-artikolu għandu jinftiehem li mhux qed jirreferi għall-valur kapitali tal-proprjetà li tkun tal-membri kollha tal-familja u mhux dik il-proprjetà li hija parafernali;*

*Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, minkejja li hemm ammont dovut mill-appellant lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, dan l-ammont jista' jintalab biss miż-żmien fejn l-appellant kellu l-kapital jeċċedi, u dan għalhekk maż-żmien tal-bejgħ tal-proprjetà in kwistjoni, u ċioe mis-6 ta' Frar, 2019.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet surriferiti, l-Arbitru qiegħed jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' parzjalment l-appell interpost mill-appellant u jordna l-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu datata 8 ta' Frar, 2020 u minflok jinforma*

*lill-appellanti bil-ħlas li huwa għandu jrodd lura mis-6 ta' Frar, 2019 sat-12 ta' April, 2019."*

## L-Appell

5. Id-Direttur Ġenerali intimat ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-28 ta' Novembru, 2022, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-18 ta' Ottubru, 2022, u tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Frar, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. Permezz tal-aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Arbitru kien żbaljat fl-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi dwar jekk il-proprjetajiet li wirtet mart l-appellat setgħux jitqiesu fil-komputazzjoni tal-assi qabel ma nbiegħu. L-appellant qal li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Arbitru hija skorretta, bl-argument tal-Arbitru ikun li ladarba l-proprjetajiet in kwistjoni kienu proprjetajiet parafernali ta' mart l-appellant, dawn ma kellhomx jitqiesu meta kien qiegħed isir it-Test tal-Mezzi *ai termini* tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, u kien biss fil-mument li dawn il-proprjetajiet inbiegħu u r-rikavat minnhom ġie likwidat, li dawn setgħu jitqiesu li ħallew effett fuq il-patrimonju tal-appellat, u għalhekk setgħu jiġu kkunsidrati għall-fini tat-test tal-mezzi.

7. L-appellant qal li dan ir-raġunament ma jirriżultax minn qari tat-test tal-artikolu 1(a) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda, li jgħid hekk:

"1. (a) Salv kif provdut fil-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà inkluż kull proprjetà mqiegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu persuni impjegati lanqas persuni li impjegaw lilhom infushom jew persuni li jaħdmu għalihom infushom skont dan l-Att, li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi qliegħ b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali:

Iżda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, bonds, stocks, azzjonijiet u titoli oħra), flus imqiegħda f'xi trust u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi trust (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qiegħda tintuża bi qliegħ, ikunu flimkien jaqbżu:

(i) €14,000 fil-każ ta' familja li tkun tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'għadd ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew

(ii) €23,000 fil-każ ta' familja li mill-anqas tkun tikkonsisti fil-kap tal-familja u l-konjugi,

il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għal Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna."

L-appellant għamel riferiment għat-test bl-Ingliż li jirreferi għal "*the value of any property ... belonging to all the members of the household*", u qal li huwa ma jistax jaqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Arbitru. Qal li l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta ripetutament jirreferi għal '*households',* u dan għaliex persuni li jgħixu flimkien bħala familja huma meqjusa li qegħdin jużaw ir-riżorsi tagħhom flimkien. Qal ukoll li l-liġi imkien ma tikkontempla evalwazzjoni dwar jekk proprjetà hijiex parafernali jew le, jew jekk proprjetà hijiex miżmuma konġuntivament jew le, jew jekk il-patrimonju tal-benefiċjarju huwiex affettwat jew le, iżda l-liġi titkellem biss dwar il-valur tal-proprjetà tal-membri kollha, u mhux dwar proprjetà miżmuma bejniethom flimkien. L-appellant qal li dan ifisser li l-proprjetà kollha tal-membri kollha tal-*household* titqies flimkien għall-

finijiet ta' kalkolu tat-test tal-mezzi. Qal ukoll li l-interpretazzjoni tal-Arbitru hija żbaljata għaliex din tista' tfisser li fejn il-konjugi jiret jew tiret diversi proprjetajiet, il-benefiċjarju jibqa' xorta waħda intitolat għall-benefiċċji soċjali għaliex dawn il-proprjetajiet ma jitqisux fil-kalkolu tat-test tal-mezzi. Qal li dan mhuwiex ġust għaliex persuni li jgħixu fl-istess *household* ma' persuni li għandhom ħafna assi disponibbli għalihom m'għandhomx ikunu intitolati għal benefiċċji soċjali. L-appellant qal li huwa għandu d-dmir li jipprovdi għall-ħtiġijiet ta' persuni li huma verament fil-bżonn, u l-għajnuna tiegħu m'għandhiex tiġi sfruttata minn persuni li, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tagħhom, huma f'qagħda li jieħdu ħsieb tagħhom infushom mingħajr ma jkollhom għalfejn jirrikorru għall-għajnuna tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Min-naħa tiegħu l-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Arbitru kienet waħda motivata u kkonsidrata, u għalhekk il-fatt li l-appellant ma qabilx mad-deċiżjoni mogħtija m'għandux ifisser li din hija deċiżjoni żbaljata. Qal li fid-9 ta' Jannar, 2017, martu saret sid ta' kwint indiviż ta' proprjetà ġewwa Tas-Sliema, meta ġie nieqes missierha. Qal li s-subartikoli 1(a) u 1(b) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jirreferu għal proprjetà li *"tkun tal-membri kollha tal-familja"*. Qal li fil-każ odjern, il-proprjetà in kwistjoni qatt ma kienet tal-membri kollha tal-familja, iżda biss ta' martu, u parzjalment fis-sehem ta' 20%. Qal li hawnhekk għandu jsir riferiment għal-liġi ordinarja dwar il-komunjoni tal-akkwisti għaliex il-liġi speċjali ma ssemmi xejn dwar dan.

9. L-appellat għamel riferiment għall-artikolu 1320(a) sa (f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li l-beni li ma jkunux dotali huma parafernali. Spjega li l-artikolu 1320 ma jagħmel l-ebda riferiment għall-beni li jiddevolvu fuq parti miżżewġa minn wirt, u dan l-artikolu tal-liġi jsemmi biss il-frott ta' beni li jiddevolvu fuq parti miżżewġa minn wirt. Qal li huwa għalhekk li s-sehem li mess lil martu mill-proprjetà ta' missierha, bl-ebda mod ma jappartjeni lilu, u fil-punt tat-trasferiment *causa mortis* huwa ma kellu l-ebda dritt, legalment, fattwalment, jew b'xi mod ieħor, li bis-saħħa tiegħu din il-proprjetà setgħet tiġi investita jew użata bi qliegħ. Qal li l-Arbitru għalhekk ma ħoloq l-ebda interpretazzjoni ġdida jew waħda perikoluża kif jallega l-appellant, iżda sempliċement applika l-fatti li kellu quddiemu *entro* l-parametri tal-liġi, kif tagħtih is-setgħa li jagħmel il-liġi. L-appellat qal ukoll li fil-każ odjern m'hemm l-ebda kwistjoni ta' *lex specialis derogat generalis,* għaliex m'hemm l-ebda kunflitt bejn il-Kodiċi Ċivili u l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu nbidlet meta martu u l-ko-proprjetarji l-oħra biegħu l-proprjetà miżmuma in komunjoni, u kien f'dan il-punt li l-kapital tiegħu eċċeda l-limitu impost bil-liġi. L-appellat qal li għalhekk l-Arbitru kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu fejn ikkonsidra s-6 ta' Frar, 2019 bħala d-data rilevanti, jiġifieri mid-data meta l-proprjetà in kwistjoni nbiegħet permezz ta' kuntratt pubbliku. L-appellat qal li huwa qatt ma talab għall-benefiċċji soċjali meta ma kellux bżonn.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata. Id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed juri nuqqas ta' qbil mal-interpretazzjoni tal-Arbitru dwar meta għandha tiġi stabbilita l-*cut-off date* fir-rigward tal-waqfien tal-intitolament tal-appellat għall-benefiċċju li kien eliġibbli għalih. Filwaqt li d-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jinsisti li l-appellat għandu jirrifondi l-benefiċċji kollha li rċieva wara d-data tal-mewt ta' missier il-mara tiegħu, għaliex dik hija d-data meta l-kapital tal-familja tiegħu kien jeċċedi l-limitu stabbilit mil-Kap. 318, l-Arbitru ddeċieda li kien biss mal-bejgħ tal-proprjetajiet in kwistjoni, li r-rikavat mill-bejgħ tagħhom beda jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-appellat u martu.

11. M'hemmx dubju li l-liġi applikabbli fil-każ odjern huma s-subinċiżi (a) u (b) tal-artikolu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, li jirregola l-Għajnuna għall-Mard, li tipprovdi li għall-fini tal-kalkolu tat-test tal-mezzi għandha tittieħed konsiderazzjoni tal-*"valur ta' kull proprjetà ... li* ***tkun tal-membri kollha tal-familja*** *... li hija jew li tista' tkun investita jew użata bi qligħ ..."*. Il-fatt li mart l-appellat wirtet sehem indiviż minn proprjetà, u għal xi żmien kienet f'komunjoni mal-eredi l-oħra ta' missierha fir-rigward ta' dak is-sehem indiviż tagħha, ifisser li din il-proprjetà qabel ma inbiegħet, ma setgħetx titqies li kienet tappartjeni lill-membri kollha tal-familja tal-appellat. Kien biss fil-mument li din il-proprjetà nbiegħet, u mart l-appellat ħadet sehemha mir-rikavat tal-bejgħ, li l-appellat kellu kapital li jeċċedi dak stabbilit mill-Kap. 318

tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tat-test tal-mezzi. Il-Qorti tqis li f'ċirkostanzi fejn membru tal-familja jiret sehem indiviż minn proprjetà, jista' jkun hemm dewmien biex il-valur ta' proprjetà bħal din ikun jista' jintuża bi qligħ mill-membri l-oħra tal-familja tiegħu, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-koproprjetarji. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**